MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Numru. 3/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Louise Calleja)**

**vs**

**Michelle Camilleri ta’ 18-il sena, mart Naser Eddin Mohamed, bint Lawrence Camilleri u Magdalene nee Farrugia, imwielda Pieta’ fil-11 ta’ April, 1985 u residenti 10, Hunter Valley, Triq is-Swatar, Msida, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 219785 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Michelle Camilleri li giet akkuzata talli f’dawn il-gzejjer, fit-30 ta’

Mejju, 2003, bhala mara mizzewga lil Naser Eddin Mohamed u filwaqt li kien isehh dan iz-zwieg legittimu, ghamlet zwieg iehor.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-akkuzi migjuba kontra Michelle Camilleri u cioe dik ta’ bigamija kkontemplata taht l-artikolu 196 tal-Kapitlu 9.

Rat li Michelle Camilleri ma kellha ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji. Rat ukoll li hi fi stadju bikri ta’ l-interrogatorju wiegbet li kienet hatja ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Rat id-dokumenti esebiti li ma jhallu ebda dubju f’mohh din il-Qorti dwar il-htija ta’ Michelle Camilleri ghar-reat ta’ bigamija.

Dwar il-piena rat li Camilleri kkollaborat fl-istqarrija minnha rilaxxata, rat pero’ wkoll il-fedina penali ta’ Camillerili jidher li l-imputata gia nghatat diversi opportunitajiet li ma gharfitx tiehu vantagg minnhom u dan taht dak li kienu l-provediment tal-Kapitlu 152. Rat ukoll id-data ta’ l-akkuza u cioe 30 ta’ Mejju, 2003 u li fil-5 ta’ Frar, 2001, Michelle Camilleri giet moghtija ordni ta’ Probation ghal tliet snin, pero’ ma ngabet ebda prova ta’ identita’ dwar din is-sentenza in kwantu tqis il-Qorti li ghal piena tali provi kienet essenzjali u dak li mhux cjarament pruvat ghandu jmur a favur l-akkuzat, ghalhekk se tghaddi biex wara li rat l-artikolu 196 tal-Kap 9 tikkundannah ghal sitt xhur habs sospizi ghal sentejn u dan wara li rat l-artiklu 28A tal-kap 9.

Il-Qorti spjegat ukoll lil Michelle Camilleri l-obligazzjonijiet taghha naxxenti minn sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------